# Il-Pesta tal-1813 u l-Isla

**Romina Powell**
B.A. (Hons.), PGCE, M.A. Hospitallier Studies



L-Isla hija waħda mit-tlett ibliet li għandha storja rikka ħafna. Iżda wieħed ma jistax jara biss l-istampa lokali mingħajr dik ġenerali imma jrid jaraha f'relazzjoni ma' dak li jkun qed jiġri fil-pajjiż kollu.

F'temp ta' sentejn, Malta għaddiet minn taqlib kbir, dan għaliex kellna tliet saltniet li ħakmu Malta. Fl-1798, kienu għadhom kif telqu l-Kavallieri tal-Ordni ta' San Ġwann, meta ġie Napuljun u keċċiehom. Il-Franċiżi għamlu diversi bidliet fil-liġijiet ta' Malta u taw iktar libertajiet mill-Kavallieri, iżda dan ġie bi prezz, għax għamlu kullimkien tagħhom, saħansitra serqu u ħadu dak kollu li kien ta' preġju biex iħallsu għal gwerer tagħhom. Il-Maltin din ma daqqitilhomx, speċjalment meta dawn bdew jisirqu mill-knejjes. Għalhekk huma qamu kontriehom u sakkruhom wara s-swar tal-Belt u l-Imdina. Din is-sitwazzjoni baqgħet hekk għal kważi sentejn sħaħ, tant li ħabba l-imblokk, il-Maltin għaddew minn żmien ta' għaks u ġuħ. Il-Maltin kienu ddisprati u xi wħud mill-mexxejja tagħhom iltaqgħu mal-Ammirall tal-flotta Ingliża Horatio Nelson u talbuh bil-ħniena biex jiġi jeħles lill-Maltin mill-ħakma Franċiża. Minħabba li l-Franċiżi u l-Ingliżi kienu għedewwa kbar, l-Ingliżi ma tilfux wisq ħin u ġew Malta jagħtu l-għajnuna tagħhom. Il-Franċiżi mill-ewwel ċedew u telqu minn Malta. Dan kien ifisser li Malta b'mod temporanju għaddiet f'idejn l-Ingliżi fl-1800. Malli ġie ffirmat it-trattat t'Amiens fl-1802 mal-Franċiżi, Malta suppost kellha tgħaddi lura f'idejn l-Ordni, biex b'hekk ma tkunx lok ta' konflitt. Iżda l-Maltin dan ma riduhx u xtaqu jibqgħu taħt il-ħakma Ingliża. Fil-fatt minn dak li ġie miftiehem mal-Franċiżi ma seħħ xejn minnu u Malta saret kolonja Ingliża fl-1812 bit-tratatt ta' Pariġi. Dan kien ifisser li issa f'Malta kellu jintbagħat Gvernatur Ingliż biex imexxi. L-ewwel Gvernatur kien Sir Thomas Maitland, li kien magħruf ukoll bħala King Tom, dan għaliex hu kien jittratta l-Maltin b'mod aħrax ħafna u ma tahom l-ebda drittijiet. Iżda hu kellu wkoll rwol importanti ħafna fil-ġlieda kontra l-marda qerrieda tal-



*Il-wasla ta' Napuljun f'Malta*



*L-Ammirall tal-Flotta Ingliża Horatio Nelson*



*Sir Thomas Maitland*


Bergħud ta' ġurdien infettat

Pesta li faqqgħet eżatt ftit qabel wasal hu, f'Marzu tal-1813.

Din il-marda kienet endemika jiġifieri tieħu l-ħajja kull ammont ta' snin kif ukoll pandemika, jiġifieri tittieħed ħafna u tinxtered malajr. Wieħed seta' jgħid li kważi kull min kien affettwat minnha kien iħalli din id-dinja warajh wara ftit jiem. Sa dan iż-żmien ħadd ma kien jaf kif kienet tiġi u kif kienet tinxtered. Infatti kien hemm ħafna superstizzjonijiet dwarha. Kien hemm ukoll dawk, fosthom tobba, li kienu jemmnu li l-marda tiġi mill-arja ħażina u tinfirex hekk ukoll. Fil-fatt hi kienet marda li toriġina mill-baqq jew bergħud li jkollu fuqu l-ġurdien jew il-far. Fl-ewwel mixja tagħha li seħħet fil-Medjuwevu kienet ġiet mill-Asja u nfirxet mal-Ewropa kollha, fejn qatlet kwart tal-popolazzjoni Ewropea. Il-mikrobu *YarsiniaPestis* ikun fil-bergħud li jikber fuq il-ġurdien. Il-ġrieden kienu komuni ħafna fuq ix-xwieni f'dawn iż-żminijiet. Wieħed irid jiftakar li abbord ma kienx ikun hemm faċilitajiet tad-drenaġġ jew xi sanità kbira, kif ukoll kien ikun hemm abbundanza ta' ikel u annimali oħraħajjijn li kienu jintużaw għall-ikel matul il-vjaġġi. Jekk il-bergħud jew il-baqq jigdem lill-bniedem dan il-mikrobu jibda jinxtered mal-bnedmin l-oħra li hu jkun mess magħhom. Kien hemm tliet tipi ta' pesta; il-Pnumonika (taffettwa s-sistema tan-nifs u l-pulmun), Septisimika (taffettwa ċ-ċirkulazzjoni u d-demm) u l-Bubonika (taffettwa l-glandoli). L-iktar komuni kienet dik tal-aħħar, iżda t-tnejn ta' qabilha huma l-iktar gravi u joqtlu l-vittmi tagħhom fi ftit sigħat. Wieħed kien jinnota li hu infettat meta jibda jara bżieżaq żgħar ma ġismu kollu li jkunu ħomor, iżda dawk l-iktar qrib l-għonq, taħt l-id u fuq il-koxxa kienu jikbru iktar u jsiru daqs bajda u jiswiedu. Dawn kienu jixpakkaw u jibdew inixxu l-materja minnhom, minn dan il-likwidu kien faċli li wieħed jieħu l-pesta, kif ukoll minn ħwejjeġ li jkun mess. Il-persuna infettata jkollha deni qawwi, li ma tkunx tiflaħ tqum mis-sodda, kif ukoll bl-istess qawwa ta' deni jibda


Xena ta' dawk infettati jinġarru

jirtriegħed ħafna tant li ma jkunx jiflaħ iqum. Jibda jimxi qisu fis-sakra u jaqa' sikwit għax ikun bla saħħa. Lejn l-aħħar stadju jibda jneħħi d-demm mill-istonku wkoll u f'temp ta' ġimgħa jmut.

Meta kienet tfaqqa' l-pesta xi mkien kienu jagħmlu minn kollox biex ma jħalluhiex tidħol. Il-Pesta f'Malta kienet ilha ma tidħol sa mis-seklu 17, grazzi għas-sistema ta' kwarantina li kienu vvintaw il-Kavallieri. B'dan il-mod kull xini suspettuż li kien jidħol fil-port kellu jgħaddi minn sistema ta' erbgħin jum t'iżolament sakemm ikunu ċerti li kollox kien sew. Kienu jsiru spezzjonijiet u anki fumugazzjonijiet. Infatti kien inbena l-Lazzarett għal dan il-għan fuq il-Gżira Manoel. Iżda miż-żmien ta' wara li telqu l-Kavallieri din is-sistema ta' kwarantina ma baqgħetx aktar stretta għalhekk meta daħal xini infettat ħadd ma żammu, bir-riżultat li skrapan mill-Belt mar jixtri xi ġlud minn fuqu u kien hemm ġurdien infettat. It-tifla ta'dan l-iskarpan kienet l-ewwel vittma li mietet f'Mejju tal-1813. Minn hemm il-pesta


Qassis iqarben lill-morda mill-bogħod

bdiet tinxtered malajr ħafna tant li fi tliet xhur kienu mietu mal-ħames mitt ruħ, kif ukoll kien hemm ħafna iktar morda. Il-ħabsin inħarġu mill-ħabs biex iqassmu l-ikel u jġorru l-mejtin, iżda dawn spiċċaw ittieħdu u mietu f'qasir żmien. Il-qassisin kienu jduru t-toroq biex jamministraw is-sagramenti u ħafna spiċċaw imutu wkoll, tant li ħarġu b'sistema fejn il-qassis beda jqarben il-morda permezz ta' mqass twil sabiex jonqos il-kuntatt. Is-sajf ma għenx biex tnaqqas mill-effetti kiefra tagħha l-marda. Postijiet pubbliċi bħal swieq u ħwienet ġew magħluqa. Bejjiegħa ma setgħux iduru minn raħal u belt għal ieħor biex ibiegħu l-ħaxix, frott u ħalib.

Mal-wasla tal-Gvernatur Maitland kien hawn kaos kbir f'Malta. Il-Belt kienet maqsuma fi tmien distretti separati bil-barrieri. Maitland mexa b'id tal-azzar, ħadd ma seta' joħroġ mill-belt jew raħal tiegħu, sabiex il-marda ma tkomplix tinxtered bit-taħlit tan-nies. Maitland li għaraf il-qawwa li kellha l-knisja f'Malta f'dan iż-żmien talab lill-Isqof joħroġ ittra pastorali li kienet tgħid li dawk li ma jobdux l-ordnijiet mgħotija mill-gvern dwar il-pesta jkun qed jagħmel dnub mejjet.

L-Isla ma kinitx speċjali, il-popolazzjoni Sengleana

kienet titħallat sew mal-barranin li jinżlu fil-port. Għalhekk il-Kapitlu Senglean kif ukoll il-poplu għamlu wegħda ma' Marija Bambina, mar-Redentur u ma' Santu Rokku li hu l-qaddis protettur kontra l-marda tal-pesta, li jekk il-mixja tal-pesta ma tidħolx l-Isla jagħmlu tliet purċissjonijiet fis-sena. Kif ukoll wiegħdu li ssir statwa lil Madonna bħala ringrazzjament jekk dan iseħħ. F'Settembru tal-1814, il-Gvernatur Maitland ħabbar li l-mixja tal-pesta kienet għaddiet u reġgħu nfetħu l-portijiet għall-kummerċ. F'sena u ftit xhur il-pesta qatlet madwar 5,000 ruħ, iżda mill-Isla ħadd ma miet b'din il-marda.

Wieħed jista' jargumenta li dan kien l-effett tad-deċiżjonijiet riġidi li ttieħdu mill-amministrazzjoni Ingliża jew mill-fatt li l-Isla kienet maqtugħa minn postijiet oħra permezz ta' swar għolja. Kienet x'kienet ir-raġuni, il-poplu Senglean flimkien mal-Kapitlu rringrazzjaw lil Alla u l-Madonna li kienu ħelsuha u



*L-istatwa tal-Madonna tan-Nofs fi Triq il-Vitorja fl-Isla fl-imgħoddi*



*Xbieha mirakoluża tal-istatwa ta' Ġesù Redentur*



*Purċissjoni f'ġieħ Santu Rokku kienet issir fl-Isla sa mis-sena 1676 – is-sena li fiha l-pesta qalila qerdet ħafna ħajjiet. Din il-purċissjoni ħadet spinta qawwija 'l quddiem fis-sena 1813, meta waqt imxija ta' pesta oħra qalila, l-Isla sfat meħlusa minn dak il-flaġell. L-istatwa ta' Santu Rokku, li hawn tidher armata fil-knisja, saret fl-1813 u nħadmet mill-istatwarju Senglean Karlu Durante. Il-festa ta' Santu Rokku tiġi ċċelebrata fis-16 ta' Awwissu. L-aħħar darba li ħarġet din il-purċissjoni kienet fis-sena 1977.*



*Xbieha devota tal-istatwa ta' Marija Bambina*

żammew kelmithom. Għamlu statwa fin-nofs ta' Triq il-Vitorja li llum insibuha bħala l-Madonna tan-nofs. Din l-istatwa għadha hemm sal-lum għax b'xorti tajba ħelset il-qerda tal-gwerra, iżda kellha titpoġġa f'post iktar għall-ġenb minħabba raġunijiet tat-traffiku. Fuq l-istatwa hemm kitba, li kienet bil-Latin iżda llum ġiet tradotta għall-Malti, fejn tgħid li din l-istatwa saret bħala radd tal-ħajr għall-ħelsien sħiħ mill-marda qerrieda tal-Pesta. Bdew isiru wkoll purċissjonijiet devozzjonali bis-sehem tal-Kapitlu, dan ifisser li l-purċissjoni tkun akkompanjata mill-mazzier u l-qassisin membri tal-Kapitlu, maż-żmien meta l-Isla saret Bażilika beda jinħareġ l-umbrellun li huwa simbolu tal-Bażilika. Dawn il-purċissjonijiet għadhom isiru sal-lum, għajr dik ta' Santu Rokku.

Meta nħarsu lura nindunaw kemm il-Maltin, fosthom is-Sengleani kellhom fidi bla qies f'Alla u f'Ommna Marija, fi żmien daqshekk iebes fejn xejn ma kien ċert u tara nies madwarek imutu bil-gzuz, fdawhom biex iħarsuhom. Hekk għandna nagħmlu aħna lkoll illum, fejn naraw il-baħar imqalleb u l-biżgħat iduru madwarna nħallu kollox f'idejH u nitolbu lil Ommna Marija Bambina biex jeħilsuna minn kull saram. Minn qalbi nawgura lis-Sengleani kollha l-Festa t-Tajba.

**Referenzi:**

Frendo H., *Storja ta' Malta, Żmien l-Ingliżi – Seklu Dsatax, It-tielet volum*, Klabb Kotba Maltin, Malta 2004

https://artuk.org/discover/artworks/lieutenant-general-sir-thomas-maitland-17591824-governor-of-malta-18131824-211089

https://www.google.com.mt/h?q=horatio+nelson&source=lnms&tbm=isch&sa=X&ved=0ahUKEwiB5KLG5IHVAhVBvxQKHVAzBE8Q_AUIBigB&biw=1011&bih=492#imgrc=YjK1TS_wSdSwSM:&spf=1499795215989

https://en.wikipedia.org/wiki/Yersinia_pestis

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20130519/life-features/maltese-islands-devastated-by-a-deadly-epidemic-200-years-ago.470542

https://www.timesofmalta.com/articles/view/20131027/life-features/Sir-Hildebrand-Oakes-resignation-as-Governor-of-Malta-in-1813.492333

http://www.kappellimaltin.com/Kitbiet/Qaddisin/Santu_Rokku/santu_rokku.html

https://www.pinterest.com/mariecassar/old-malta/

https://www.flickr.com/photos/richardfaenza/3710398820

## AVVIŻ IMPORTANTI

Min għandu xi ritratti jew kitbiet antiki konnessi mal-festa ta' Marija Bambina, jista' jkellem lill-Arċipriet; biex jekk huwa possibbli nieħdu kopja tagħhom.

**Main Store**

Tal-Ħandaq Industrial Estate, Ħandaq L/O Qormi

Tel: 2131 5567 • Mob: 9944 2549

Żebbuġ - Fażola - Ġbejniet - Bigilla
Qaqoċċ - Qarnit - Tadam
Mushrooms - Coleslaw
Ġobon Maħkuk - Żebbuġ bil-Ħerbs
Feta Cheese - Kapunata - Tuna

